MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 870/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Luke Bonello]**

**vs**

**Asaad Geth Ali Abutlag**
**Hamza Kamel M El. Bakoush**
**Karm A. Hamad Benarous**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Asaad Geth Ali Abutlag detentur tal-passaport Libjan 050581/2009; l-imsemmi Hamza Kamel M El Bakoush detentur tal-passaport Libjan 483423; u l-imsemmi Karm A. Hamad Benarous detentur tal-passaport Libjan 566587.

Akkuzati talli:

1. Nhar it-8 ta’ Settembru 2013, bejn id-9.00 a.m. u d-9.30 a.m., gewwa San Giljan, ikkommettew serq ikkwalifikat bil-vjolenza numerika u bi-valur, liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Laura Florentina Bejan, bi ksur tal-Artikolu 262(1)(b) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data u hin, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

Assad Geth Ali Abutlag akkuzat wahdu:

3. Talli nhar it-8 ta’ Settembru 2013, ghall-habta tal-10.00 a.m. u fis-sieghat u fil-granet ta’ qabel, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens li din il-kawza tigi trattata b’mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputati li ma ammettewx ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom, hlief ghal Assaad Geth Ali Abutlag li rregistra ammissjoni ghat-teliet akkuza kif dedotta kontrih, u wara li nghata z-zmien opportun sabiex jahsibha, rega’ ikkonferma tali ammissjoni;

Rat il-fedini penali tal-imputati li huma netti;

Semghet il-provi kollha u anke t-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi:

Dawn il-proceduri jitrattaw fuq allegat serq ta' basket mill-bajja ta' San Gorg, f'San Giljan, nhar it-tmienja (8) ta' Settembru 2013, bejn id-disgha u d-disgha u nofs ta' filghodu liema basket kien jappartjeni lil Laura Florentina Bejan.

Illi semghet kif ix-xhud Dr Anthony Licari li kien fuq il-post u ra x-xena, qal bil-gurament illi ra tliet irgiel irqaq, somor u twal jimxu fuq il-bajja u wiehed minnhom li kien liebes nuccali tax-xemx, mar vicin tfajla li kienet rieqda fuq ir-ramel. Huwa pprova jkellimha izda x'hin ra illi din ma tkellmitx, huwa hadilha l-basket u flimkien maz-zewg guvintur ohra dahlu go zewg '*mobile toilets*'. Wiehed dahal go *mobile toilet* wiehed u t-tnejn l-ohra go iehor. Ix-xhud spjega kif pprova joqghod quddiem il-*mobile toilet*. Spjega illi huwa kellu jitlaq minn hemm sabiex sabiex imur igib il-'*mobile phone*' sabiex icempel lill-pulizija u ghalhekk ma baqax hdejhom. Meta gew il-pulizija, huwa tahom deskrizzjoni taghhom.

Spjega wkoll illi sakemm mar icempel huwa qajjem lit-tfajla sabiex tmur tissorvelja t-toilets. Meta l-pulizija gew fuq il-post huma sabu l-basket taghha fit-toilet izda ma kienx hemm tracca tat-tliet zaghzagh sakemm ma dawn gew individwati mill-pulizija f'post iehor f'San Giljan skont id-deskrizzjoni tal-istess xhud.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-allegata vittma Laura Florentina Bejan li kkonfermat il-verzjoni ta' Dr Anthony Licari u ziedet illi gharfet il-'*headphone*' li kien taghha fuq wiehed mit-tliet zaghzagh. Hi identifikat lit-tlett zaghzagh li kellhom il-*headphone* taghha meta nstabu wara mill-pulizija izda hi ma kenitx rathom meta kienu gol-'*mobile toilet*'.

Semghet ix-xhieda l-ohra tal-pulizija.

Ikkunsidrat, illi ghalkemm kien hemm sekwenza ta' avvenimenti fejn l-allegati persuni gew ristretti fit-'*toilets*' ghal xi minuti, pero` kien hemm mumenti wara fejn din is-sekwenza giet imwaqqfa fil-perojdu ta' meta Dr Anthony Licari mar icempel u sakemm ma giet hdejn it-*toilets* il-

vittma. Ghalhekk, u in vista tal-fatt illi x-xhieda ma setghux jidentifikaw b’mod cert l-akkuzati izda b’mod approssimattiv, din il-Qorti thoss li ma hemmx ness bejn l-akkuzati u serqa tal-basket. Il-fatt illi nstabet il-*headphones* fuq wiehed mill-akkuzati ma jfisser xejn ghaliex dawn huma komuni li facilment li jinstabu fuq hafna nies.

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 262(1)(b), 267 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, mhux qed issib lill-imputati Asaad Geth Ali Abutlag, Hamza Kamel M. El. Bakoush u Karm A. Hamad Benavous hatja tal-akkuzi wiehed u tnejn kif dedotti kontrihom u tilliberahom minnhom izda issib lill-imputat Asaad Geth Ali Abutlag hati biss tat-tielet akkuza fuq ammissjoni tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) fil-lum.
Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta, u tordna d-distruzzjoni tal-esebit mmarkat bhala Dok EF1 taht is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------